MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1560/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**GIACCHINO PACE iben il-mejjet Vince u Margaret Seba Grima, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Lulju 1963 u residenti 73, Flat 2, Triq San Kristofru, Valletta u detentur tal-karta ta'l-identita 401863(M)**

**u**

**ROSE-MARIE LOIS ANN SONIA EMANUELA NATASHA PACE, bint il-mejjet Emanuel Anthony Carmel Gejtan Mamo u il-mejta Lois-Ann-Marie xebba Robicheau, imwielda Wales UK nhar it-28 ta' Gunju 1978 u residenti 73, Flat 2, Triq San Kristofru, Valletta u detentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 23987(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputati Giacchino Pace u Rose-Marie Pace gew akkuzati talli fil-Belt Valletta nhar id-09 ta’ Novembru 2006 u 24 ta’ Jannar 2007:

1. tghaw xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata, Carmelo Pace.
2. halfu falz quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D, meta kontu imsejjha bhala xhieda f’kawza kriminali il-Pulizija vs Carmelo Pace.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta’ Ottubru 2008.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi huma ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

**<u>IL-LIGI</u>**.

Illi min-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali[1] jirrizulta illi l-imputati qed jigu mixlija bir-reat tal-ispergur a tenur tal-artikolu 104 tal-Kodici Kriminali, u cioe’ bir-reat hekk imsejjah *judicial jew legal perjury,* kif ukoll dak tal-gurament falz kif ikkontemplat fl-artikolu 108.

**<u>L-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.</u>**

[1] Ara fol.85 tal-process

Illi l-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 jipotizza s-sitwazzjoni ta' spergur fi proceduri kirminali fejn l-imputat f'dik il-kawza jkun qed jigi akkuzat b'delitt li jgorr mieghu il-piena ta' aktar minn sentejn prigunerija.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854 u sussegwentment kienu saru xi emendi zghar, madanakollu fis-sustanza tieghu r-reat baqa' l-istess. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

**"*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero*."**

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

**"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. …. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*."[2]**

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal

[2] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

*miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta’ fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li isawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba’ elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta’ dana r-reat tal-*judicial perjury* cioe’:

**“(i) *a testimony given in a cause*.**
**(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.**
**(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.**
**(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*.”**

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x’jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta’ dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f’kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta’ stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo ighid:

**“*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.**

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe’ x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista’ tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe’ “ ***l’affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*.”**[3]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

---

[3] Capitolo XIX Delitti Contro l’amministrazione della giustizia.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **<u>fatt materjali u determinanti ghal ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo ighid: **"*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*."** Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "***Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute <u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>***." (sottolinjar tal-Qorti). Il-Mamo ikompli: **"*If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court*."**

L-istess ighid l-Antolisei:

**"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense)***

***oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria*.**"[4]

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha ***mens rea*** tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: **"*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."**

L-istess ighid l-Antolisei:

"***Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica*."**

Il-Maino ukoll isostni:

**"*L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire* o *di nascondere la verita*. … *Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze.*"**[5]

---

[4] Ibid.
[5] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn l-elementi surreferiti fid-dawl tal-provi akkwiziti f'dana l-process penali.

## Il-PROVI

Illi x-xhieda li qed tigi issindikata f'dina l-vertenza hija dik moghtija mill-imputati fil-kawza kriminali pendenti kontra Carmelo Pace, hu l-imputat Giacchino Pace, fejn l-istess Carmelo Pace kien qed jigi mixli b'mod ewlieni bir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Dina l-kawza illum ghaddiet in gudikat b'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Carmelo Pace deciza fit-18 ta' Frar 2009.[6] Illi il-vittma ta' dan ir-reat Dorianne Borg tigi bint Rita Borg, oht l-imputat Giacchino Pace u Carmelo Pace. Jidher illi fiz-zmien li kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali fil-konfront ta' Carmelo Pace quddiem dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta, Dorianne Borg kienet qed tirrisjedi ma' l-imputati gewwa l-Belt Valletta. Fl-istess blokk ta' appartamenti fejn kienet tghix Dorianne Borg kellu appartament ukoll zijuha Carmelo Pace. F'dana iz-zmien ukoll, dina Dorianne Borg li kienet ghada minuri kienet diga tat ix-xhieda taghha kontra zijuha fejn hija kienet allegat illi zijuha kien abbuza minnha sesswalment. Gara illi matul il-permanenza taghha fir-residenza ta'l-imputati Dorianne Borg ittihedet ghand il-legali ta' Carmelo Pace sabiex tistqarr illi hija ma kenitx xehdet is-sewwa fil-kawza kontra zijuha u dana ghaliex kien certu Lawrence Mallia, is-sieheb ta' ommha li kien abbuza minnha u mhux zijuha. Illi l-imputati jikkontendu illi dina Dorianne Borg kienet Serret dana il-fatt maghhom minn jedda u li kien ghalhekk illi huma haduha ghand l-avukat.

[6] Ara sentenza esebieta a fol.152 tal-process.

Borg tghid bil-kontra u issostni illi ghamlet dana ghaliex kien imgieghla mill-imputati u minn zijuha Carmelo Pace.

Illi t-twegiba ghal dak li sehh verament tinsab fis-sentenza mogtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Magistrat Jacqueline Padovani Grima fejn hemmhekk il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi mismugha minnha qieset l-incident mertu ta' din il-kawza bhala: "**pressjoni da parti ta' Gwakkin Pace u Rose Marie Pace, fuq il-minuri Dorianne Borg sabiex din tbiddel il-verzjoni taghha u tghid quddiem l-ewwel Avukati Difensuri ta' l-imputat (**u cioe' Carmelo Pace l-akkuzat f'dik il-kawza**), illi kien Lawrence Mallia li abbuza minnha sesswalment u mhux l-imputat. Dan sar bi swat da parti ta' Gwakkin Pace fuq l-istess minuri Dorianne Borg, u fi sfond ta' theddid ta' aktar swat, u wassal sabiex l-ewwel Avukati Difensuri jirrinunzjaw ghall-patrocinju ta'l-imputat, u wassal ukoll ghar-revoka tal-ghotja tal-liberta' provvisorja ta'l-imputat."**[7]

Anke il-Qorti ta'l-Appell is-sentenza taghha hija ta'l-istess fehma u tikkonerma dina d-decizjoni meta issostni illi Dorianne Borg: "**nonostante l-vicissitudinijiet ta' hajjitha, kienet konsistenti fl-akkuzi taghha kontra l-appellant meta xehdet quddiem l-ewwel qorti, u dan kemm meta xehdet fil-bidu ta'l-istruttorja kif ukoll meta giet riprodotta wara li kienet ittiehdet ghand id-difensur ta'l-appellant** (u dana b'referneza ghal Carmelo Pace) **biex taghmel *retraction*. Jidher car mill-provi li 'l hekk imsejjha *retraction* kien biss tentattiv da parti ta'l-appellant u membri tal-familja tieghu biex il-htija tintefa' fuq persuna ohra…"**.[8]

Fil-fatt fix-xhieda moghtija minn Dorianne Borg quddiem dina il-Qorti hija tibqa' issostni illi kienu l-imputati odjerni illi gieghluha tmur ghand l-avukat ta' zijuha Carmelo Pace, li 'dak iz-zmien kien Dr. Chris Busietta sabiex tbiddel il-verzjoni tax-xhieda moghtija minnha quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li dawn gieghluha tghid illi hija kienet giet

[7] Ara sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Pace a fol.65 Dokument RA2
[8] Ara sentenza tal-Qorti ta'l-Appell a fol.157

abbuzata minn Lawrence Mallia, is-sieheb ta' ommha u mhux minn zijuha. Tghid testwalment: "Dik kien hemm Rose il-mara tieghu (b'referenza ghal Giacchino Pace) u bdiet tghidli, 'Ghid li Wenzu bghabsek mhux veru Charlie bghabsek' u jiena bdejt nghid il-verita li ghidtilhom 'ehe Wenzu bghabasni jiena' ghax bdejt nibza', jien naf li jekk ma nghidx hekk jew naqla' xi daqqa minn ghandhom u hekk, u kelli nixhed ghand l-avukat tieghu."[9] Tkompli tghid illi l-imputata Rose-Marie Pace kienet cemplet lil zijuha Charles Pace u ftiehmu biex jehduha ghand l-avukat tieghu, imbaghad hija kienet ittiehdet ghand l-avukat mill-imputati odjerni u zijuha Carmelo Pace fil-vettura ta'l-istess Carmelo Pace gewwa Rahal il-Gdid. Tghid illi huma gieghluha tghid lill-avukat illi kien Lawrence Mallia li abbuza minnha u mhux zijuha u dana sabiex Carmelo Pace jinheles mill-akkuzi li kien hemm pendenti kontra tieghu.

Illi l-imputati, min-naha taghhom, isostnu illi kienet il-minuri stess illi avvicinathom darba minnhom u bdiet tibki ghaliex qaltilhom li fil-Qorti kienet gidbet ghaliex mhux zijuha kien abbuza minnha izda Lawrence Mallia u li kien ghalhekk illi iddecidew jiehduha ghand avukat. Huma isostnu illi b'kumbinazzjoni haduha ghand l-istess avukat ta' Carmelo Pace ghaliex dana inserta kien l-avukat ta'l-imputat Giacchino Pace ukoll! Huma isostnu dana kemm fix-xhieda taghhom moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati il-kawza kontra Carmelo Pace u allura li tifforma l-mertu ta'l-akkuzi odjerni kif ukoll fix-xhieda illi huma jaghtu quddiem din il-Qorti. Madanakollu meta jixhdu quddiem dina l-Qorti huma isostnu illi meta l-avukat kellem lil Dorianne Borg hija kienet wahedha u mhux bhalma xehdu quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn sahansitra ighidu x'diskors intqal quddiem l-avukat. Isostnu illi dak in-nhar huma ma qalux il-verita u li l-verita kienu qed ighiduha f'din il-kawza. Il-Qorti ghalhekk tistqarr illi fix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza kontra Carmelo Pace l-imputati ma kenux xehdu il-verita mhux biss fuq dina il-partikolarita izda fuq l-incident kollu kemm

[9] Ara xhieda Dorianne Borg a fol.93

hu. Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif fiz-zmien ta'l-incident huma ma xehdux il-verita u illum hames snin wara ftakkru dak li sehh meta marru l-uficcju ta'l-avukat! L-imputati xejn ma huma kredibbli. Ma hemmx dubbju illi kienu huma flimkien ma' Carmelo Pace li abbuza minn Dorianne Borg u gieghluha taghmel ir-*retraction*. Dana ghamluh bl-uniku skop illi jehilsu lil Carmelo Pace mill-akkuzi addebitati lilu, akkuzi serji li wasslu sabiex l-istess Carmelo Pace gie ikkundannat ghal sitt snin ta' prigunerija. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi it-tielet element ghal sejbien ta' htija f'dana r-reat ta' spergur gie ampjament ippruvat u cioe' illi **ix-xhieda trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza**.

Illi isegwi ghalhekk illi anke l-element intenzjonali u cioe' il *mens rea* ghal kummissjoni ta' dan ir-reat gie ippruvat u dana ghaliex l-imputati kellhom kull interess illi Carmelo Pace, li jigi hu l-imputat Giacchino Pace, jinheles minn piena ta' prigunerija. X'aktarx din kienet wahda mir-ragunijiet 'il ghala huma kienu accettaw lil Dorianne Borg fir-residenza taghhom, u dana meta l-appartament taghhom kien diga' sovraffollat bihom, u is-seba' ulied ta' Rose Marie Pace. Tant hu hekk illi Carmelo Pace kien sahansitra avvicina lil Dorianne Borg meta huwa kien qed igawdi mil-liberta' prvvisorja u dana bl-iskop illi hu bl-assistenza ta' huh u l-mara tieghu igieghlu lil Borg tbiddel il-verzjoni taghha. Dina il-kostatazzjoni ghamlitha kemm dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta kif ukoll il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenzi taghhom, tant illi huma skartaw ghal kollox ix-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies meta gew ghad-decizjoni finali taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi x-xhieda moghtija mill-imputati Giacchino Pace u Rose-Marie Pace fid-9 ta' Novembru 2006 u fl-24 ta' Jannar 2007[10] rispettivament ma ghandhomx mis-sewwa u li ghalhekk iz-zewg imputati halfu il-falz fi proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza Il-Pulizija vs Carmelo Pace.

[10] Dokumenti MDF1 u MDF2

Illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputati ai termini ta’l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar ir-reat tal-gurament falz hija akkuza alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u kwindi dina l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’l-istess.

Illi finalment fir-rigward ta’l-akkuza tar-recidiva migjuba kontra l-imputat Giacchino Pace, jigi rilevat illi ma hemmx l-icken prova fl-atti in sostenn ta’ dina l-akkuza u kwindi l-imputat ser jigi liberat mill-istess.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-isfond familjari li sawwar l-akkuzi mertu ta’ dina l-kawza. Illi jidher illi illum l-ambjent familjari inbidel kemmxejn bl-imputati ma ghadhomx ighixu taht l-istess saqaf. Il-vittma Dorianne Borg regghet marret lura ghand ommha u jidher illi illum ghandha hajja stabbli wara li ghaddiet minn bahar ta’ problemi fil-hajja imqanqla taghha. Illi l-Qorti ma tistax madanakollu ma tosservax illi l-imputati abbuzaw ukoll minn dina it-tfajla li gharrfu juzaw id-dghjufija taghha a beneficcju taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 104(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza billi dina inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni u filwaqt li tillibera lill-imputat Giacchino Pace mill-akkuza dwar ir-recidiva, issib lill-imputati hatja tal-akkuza l-ohra u tikkundannhom ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, liema perijodu ta’ prigunerija wara li l-Qorti rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------